# QORTI TAL-APPELL KRIMINALI

**Onor. Imħallef Dr. Neville Camilleri**
**B.A., M.A. (Fin. Serv.), LL.D., Dip. Trib. Eccles. Melit.**

**Appell Numru 401/2018**

**Il-Pulizija**

**vs.**

**Francine Cini**

Illum 20 ta' Marzu 2023

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet miġjuba kontra l-appellanta **Francine Cini**, detentriċi tal-Karta tal-Identita' bin-Numru 886(G), akkużata quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) talli f'dawn il-Gżejjer, fil-ġranet ta' bejn it-12 ta' Marzu 2015 u l-15 ta' Marzu 2015, b'diversi atti magħmulin fi żminijiet differenti, li jiksru l-istess dispożizzjoni tal-liġi u li jkunu ġew magħmula b'riżoluzzjoni waħda:

1. b'mezzi kontra l-liġi jew billi għamlet użu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi nqdiet b'qerq ieħor, ingann,

jew billi uriet ħaġa b'oħra sabiex iġġiegħel titwemmen l-eżistenza ta' intrapriżi foloz, jew ta' ħila jew setgħa fuq ħaddieħor, jew ta' krediti immaginarji, jew sabiex tqanqal tama jew biża' dwar xi ġrajja kimerika, għamlet qligħ ta' €8,000 u dan għad-dannu ta' Domenic Zammit u persuni oħra, u dan bi ksur ta' Artikoli 308, 309 u 310 ta' Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

2. fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi għamlet falsifikazzjoni f'att awtentiku u pubbliku, jew fi skrittura kummerċjali jew ta' bank privat, b'falsifikazzjoni jew b'tibdil fl-iskrittura jew fil-firem, billi ħolqot pattijiet, dispożizzjonijiet jew obbligi foloz jew ħelsien falz minn obbligi, jew billi daħħlet dawn il-pattijiet, dispożizzjonijiet, obbligi jew ħelsien minn obbligi f'dawk l-atti jew skritturi wara li jkunu ġew iffurmati, inkella billi żiedet jew biddlet klawżoli, dikjarazzjonijiet jew fatti, illi dawk l-fatti jew skritturi kellhom ikollhom fihom jew kellhom jipprovaw;

3. fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi sabiex tikseb xi benefiċċju għaliha nnifisha jew għal ħaddieħor, f'xi dokument maħsub għal xi awtorita' pubblika, xjentement għamlet dikjarazzjoni jew stqarrija falza jew tat tagħrif falz billi għamlet użu minn *cheque*;

4. fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi għamlet falsifikazzjoni fi skrittura privata li tista' tagħmel ħsara lil Domenic Zammit;

5. fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi għamlet falsifikazzjoni oħra jew xjentement għamlet użu minn xi dokument falsifikat u ċioè *cheque*.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tad-9 ta' Ottubru 2018, fejn il-Qorti ma sabitx lill-imputata ħatja tat-tielet (3), tar-raba' (4) u tal-ħames (5) imputazzjoni u minnhom illiberatha u, wara li rat Artikoli 308, 309 u 183 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, sabet lill-imputata ħatja tal-ewwel (1) u tat-tieni (2) imputazzjoni miġjuba fil-konfront

tagħha u kkundannatha tmintax (18)-il xahar ħabs iżda bl-applikazzjoni ta' Artikolu 28A tal-Kapitolu 9 issospendiethom għal tliet (3) snin mid-data tas-sentenza. B'applikazzjoni ta' Artikolu 28H tal-Kapitolu 9, l-Ewwel Qorti ordnat lill-imputata biex fi żmien sitt (6) xhur mid-data tas-sentenza tħallas lil Domenic Zammit is-somma ta' tmint elef Euro (€8000) għad-dannu li kkaġunatlu. *Ai termini* ta' Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, l-Ewwel Qorti kkundannat lill-ħatja għall-ħlas tal-ispejjeż li għandhom x'jaqsmu man-nomina tal-esperti fil-mori tal-inkjesta, liema spejjeż b'kollox jammontaw għas-somma ta' elf, erba' mija u disgħa u sebgħin Euro u sitta u sebgħin ċenteżmu (€1479.76) u ġie ordnat li dawn jitħallsu minnha fi żmien xahar mid-data tas-sentenza.

Rat ir-Rikors tal-appellanta ppreżentat fil-25 ta' Ottubru 2018 fejn talbet lil din l-Qorti sabiex: *"tbiddel u tirrevoka s-sentenza mogħtija mill-Ewwel Onorabbli Qorti billi tilliberaha mill-akkużi kollha dedotti fil-konfront tagħha u fin-nuqqas li din l-Onorabbli Qorti tagħti piena ferm aktar xierqa għaċ-ċirkostanzi."*

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat illi dan l-appell ġie assenjat lil din il-Qorti kif preseduta fid-9 ta' Jannar 2023 b'"Assenjazzjonijiet ta' Kawżi u Doveri" mogħti mis-S.T.O. Prim'Imħallef Mark Chetcuti.

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellanta eżebita mill-Prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat it-traskrizzjoni tas-sottomissjonijiet bil-fomm li kienu saru quddiem din il-Qorti kif diversament preseduta.

Semgħet, fis-seduta tas-6 ta' Frar 2023, li ma kien hemm xejn aktar x'jiżdied mas-sottomissjonijiet li kienu diġa' saru quddiem din il-Qorti kif diversament preseduta.

**Ikkunsidrat**

Illi qabel il-Qorti tgħaddi sabiex tagħmel il-konsiderazzjonijiet tagħha dwar l-aggravji hekk kif imressqa fir-Rikors tal-appell tal-appellanta, il-Qorti hija tal-fehma li l-ewwel tagħmel riferenza għal dak li wassal għall-proċeduri kontra l-appellanta quddiem l-Ewwel Qorti.

Illi fl-24 ta' Marzu 2015 il-*parte civile* Domenic Zammit għamel rapport (Dok. "JA 1" – *a fol.* 25 *et seq.*) li l-eks sieħba tiegħu u ċioè l-appellanta Cini kienet ħadet is-somma ta' tmint elef Euro (€8,000) mill-kont bankarju tiegħu. Għandu jingħad li l-*parte civile* u l-appellanta kienu ilhom f'relazzjoni għal madwar ħmistax il-sena u flimkien kellhom żewġt ulied. Jirriżulta li fit-12 ta' Marzu 2015 (Dok. "SS 2(A)" – *a fol.* 47), l-appellanta ġibdet is-somma ta' €8,000 mis-*savings account* tagħha. Jidher li din it-tranżazzjoni rriżultat f'*bank draft* għan-nom tal-*parte civile* b'dan illi dan il-*bank draft* ġie depożitat mill-istess appellanta fis-*savings accounts* tal-*parte civile* (Dok. "FZ 1" – *a fol.* 50 *et seq.*). Jirriżulta ukoll li fis-16 ta' Marzu 2015 l-appellanta ġibdet dawn il-flus f'kontanti (Dok. "FZ 1" – *a fol.* 50 *et seq.*)) u mill-annotazzjoni li hemm fuq l-istess dokument imsemmi hemm imniżżel *"pp Zammit D. to take abroad"* (*a fol.* 51) fejn jidher li l-appellanta nfurmat lill-kaxxier tal-bank li l-flus kienu ser jintużaw għas-safar. Fuq din l-irċevuta jidher li hemm il-firma tal-appellanta u n-numru tal-Karta tal-Identita' tagħha.

Illi meta fit-30 ta' Marzu 2015 l-appellanta rrilaxxat stqarrija (Dok. "BCS 1" – *a fol.* 16 *et seq.*) lill-Pulizija, hija ċaħdet li qatt iffirmat bl-isem ta' Domenic Zammit u meta ġiet mistoqsija dwar it-tranżazzjoni fejn hija ġibdet €5,000 hija wieġbet li l-*parte civile* kien talabha sabiex tiġbed dan l-ammont, waqt li dwar it-tranżazzjoni ta' €8,000 hija wieġbet li ma kinitx ser tirrispondi.

Illi din il-Qorti tinnota li r-rwol tagħha huwa dak li tara jekk l-Ewwel Qorti setgħetx raġonevolment u legalment tasal għad-deċiżjoni li waslet għaliha. F'dan ir-rigward, il-Qorti tagħmel riferenza għal dak li ngħad fis-sentenza mogħtija fil-31 ta' Lulju 2008 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Julian Genovese** (Numru 141/2008) fejn din il-Qorti diversament preseduta qalet hekk:

"Illi l-ewwel tlitt aggravji jirrigwardaw l-apprezzament tal-provi traskritti li għamlet l-ewwel Qorti. Issa hu prinċipju ormaj stabbilit fil-ġurisprudenza ta' din il-Qorti (kemm fil-każ ta' appelli minn sentenzi tal-Qorti tal-Maġistrati kif ukoll fil-każ ta' appelli minn verdetti u sentenzi tal-Qorti Kriminali) li din il-Qorti ma tiddisturbax l-apprezzament dwar il-provi magħmula mill-Ewwel Qorti jekk tasal għall-konklużjoni li dik il-Qorti setgħet raġonevolment u legalment tasal għall-konklużjoni li waslet għaliha."

**Ikkunsidrat**

Illi f'Risposta tal-*parte civile* (*a fol.* 258) għar-Rikors tal-appell imressaq mill-appellanta, il-*parte civile* talab li din il-Qorti tiddikjara n-nullita' tal-appell tal-appellanta minħabba li l-appellanta titlob ir-revoka tas-sentenza appellata u jargumenta li peress li fis-sentenza tal-Ewwel Qorti kien hemm imputazzjonijiet li minnhom l-appellanta ġiet liberata, fir-Rikors tal-appell kellu jkun hemm talba għal riforma tas-sentenza u mhux għar-revoka tagħha. Subordinatament għat-talba sabiex ir-Rikors tal-appell jiġi dikjarat null, il-*parte civile* talab li tiġi konfermata s-sentenza appellata.

Illi l-Qorti tagħmel riferenza għas-sentenza mogħtija fit-12 ta' Diċembru 2022 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Publius Said** (Numru 489/2017), fejn din il-Qorti diversament preseduta qalet hekk:

"2. Illi qabel kull kunsiderazzjoni oħra, l-Qorti tinnota illi stante li l-appellant qed jitlob it-tħassir ta' parti mis-sentenza kellu allura jitlob it-tibdil tagħha u mhux it-tħassir. L-Artikolu 419 tal-Kodiċi Kriminali jipprovdi illi r-rikors tal-appell għandu jkun fih, *inter alia*, "it-talba għat-taħsir jew għat-tibdil tas-sentenza tal-qorti inferjuri". Għalhekk la darba l-imputat ried li din il-Qorti tħassar biss parti mis-sentenza u ma kienx qed jappella f'dik il-parti liberatorja kellu jitlob għat-tibdil tagħha u mhux għat-taħsir. Magħmula din l-osservazzjoni, iżda, l-appell

> odjern hu salvat bis-saħħa tal-Artikolu 520 tal-Kodiċi Kriminali kif emendat bl-Att I tal-2018 li issa jagħmel applikabbli s-subartikoli (4), (5) u (6) tal-Artikolu 143 tal-Kapitolu 12 fejn allura t-talba għat-tħassir għandha titqies li tinkludi talba għal annullament u tibdil tas-sentenza. Issa, għalkemm tali inklużjoni għandha tkun soġġetta għal-talba u digriet appożitu, din il-Qorti tqis dan bħala formalita' u għalhekk qed tqis it-talba għat-tħassir bħala waħda għat-tibdil tas-sentenza."

Illi din il-Qorti taqbel ma' dak hawn fuq ikkwotat u tagħmlu tagħha u b'hekk mhijiex ser tiddikjara n-nullita' tar-Rikors tal-appell kif mitlub mill-*parte civile*.

**Ikkunsidrat**

Illi fl-ewwel aggravju tagħha l-appellanta tgħid li fis-sentenza tal-Ewwel Qorti ma ngħatatx id-debita konsiderazzjoni għal fatt li hija kellha l-prokura tal-*parte civile*. Mingħajr eżitazzjoni ta' xejn, din il-Qorti tinnota li bħala regola ġenerali l-fatt li persuna jkollha l-prokura ta' persuna oħra, dan ma jawtorizzahiex sabiex tagħmel azzjonijiet qarrieqa a detriment tal-mandatarju. Fil-fatt huwa fir-responsabilita' tal-persuna partikolari li tara li tipproteġi l-interessi tal-mandatarju u dana fid-dawl ta' dak li jiddisponi Artikolu 1124A tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta. B'żieda ma' dan, il-Qorti tagħmel riferenza għas-sentenza mogħtija fis-26 ta' Ġunju 2019 fl-ismijiet **Olivia Mallia vs. Inna Sergeevna Furtseva et** (Numru 593/2017) fejn il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili qalet hekk:

> "Din il-Qorti iżżid li l-prokuratur hu marbut b'obbligazzjoni fiduċjarja *ai termini* tal-Artikolu 1124A tal-Kap. 16 fosthom li jipproteġi l-interess tal-mandant billi għandu pożizzjoni ta' fiduċja speċjalment jekk din tinvolvi proprjeta' u illi jrid jaġixxi bħala *bonus paterfamilias*."

Illi meħud in konsiderazzjoni dan t'hawn fuq, il-Qorti ma tistax ma tinnotax li l-aġir tal-appellanta ma jagħmilx sens f'kuntest

ordinarju. Wara li din il-Qorti fliet l-atti proċesswali mkien ma sabet prova li l-*parte civile* kien ta struzzjonijiet neċessarji lill-appellanta sabiex tagħmel dak li għamlet fir-rigward tas-somma nvoluta. In fatti, fix-xiehda mogħtija fis-17 ta' Mejju 2018 (*a fol.* 180 *et seq.*), il-parte civile Zammit jiċħad li kien jaf li l-flus in kwistjoni kellhom jinħarġu. Ix-xiehda tal-appellanta (*a fol.* 196 *et seq.*) mhijiex ċara fuq dan il-punt.

Illi dak li jagħlaq il-kwistjoni huwa li l-appellanta ma ressqet l-ebda prova ta' fejn spiċċat is-somma ta' tmint elef Euro (€8,000) wara li ġibdithom. B'hekk isegwi li l-ewwel aggravju tal-appellanta qed ikun miċħud.

**Ikkunsidrat**

Illi l-appellanta tressaq erba' aggravji oħra, b'dan illi l-Qorti ser tikkunsidra tlieta minnhom *ossia* t-tieni, it-tielet u r-raba' aggravju flimkien. F'dawn it-tliet aggravji hija tilmenta li l-Ewwel Qorti ma tatx id-debita konsiderazzjoni għall-fatt li:

- hija omm ta' żewġt itfal żgħar li jiddependu fuqha (it-<u>tieni aggravju</u>);
- hija u l-*parte civile* għamlu madwar ħmistax (15)-il sena flimkien u li b'hekk wara l-firda nħolqot animosita' (it-<u>tielet aggravju</u>);
- hija u l-*parte civile* għad ma rnexxilhomx isibu mezz ta' kif iħaddmu l-firda tagħhom (ir-<u>raba' aggravju</u>).

Illi fir-rigward ta' dawn it-tliet aggravji, din il-Qorti ma tikkunsidrax li huma argumenti legali validi sabiex ixejjnu d-deċiżjoni li waslet għaliha l-Ewwel Qorti fis-sentenza tagħha. Għalkemm il-Qorti tista' b'xi mod tifhem l-ispirtu ta' dawn "l-aggravji", hija ma tistax tqis li għandhom il-fundament legali neċessarju sabiex tkun tista' iddawwar is-sejbien ta' ħtija tal-appellanta fl-ewwel żewġ imputazzjonijiet u dana tenut kont ukoll

tal-fatt li waqt id-depożizzjoni mogħtija minnha fis-seduta tal-31 ta' Mejju 2018 (*a fol.* 196 *et seq.*) hija ammettiet li kienet iffalsifikat il-firma tal-*parte civile* (*a fol.* 198). Għaldaqstant, il-Qorti qed tiċħad l-aggravji in eżami.

**Ikkunsidrat**

Illi fil-ħames aggravju l-appellanta tgħid li l-Ewwel Qorti ma tatx id-debita konsiderazzjoni għal fatt li l-*parte civile* kien qalilha sabiex tiġbed dawn il-flejjes u b'hekk targumenta li l-element formali tad-*dolo*, u ċioè l-intenzjoni ta' truffar, ma jeżistix u ma jreġix.

Illi mid-depożizzjoni mogħtija mill-appellanta minn jeddha u b'mod volontarju fis-seduta tal-31 ta' Mejju 2018 (*a fol.* 196 *et seq.*) ma jirriżultax li hija ntalbet tiġbed il-flejjes in kwistjoni minn fuq il-*bank accounts* tal-*parte civile*. Hija allegatament tgħid li l-*parte civile* qalilha sabiex tiffirma ċ-ċekk. *Se mai* dan ma jammontax għal struzzjoni sabiex tiġbed il-flus! Din il-Qorti żżid tgħid ukoll li minkejja li jidher li oriġinarjament il-flus li ġew depożitati fil-kont tal-*parte civile* kienu ġejjin mill-kont tal-appellanta, meta daħlu fil-kont bankarju tal-*parte civile* dawn il-flus tilfu n-natura tagħhom marbuta mal-provenjenza u saru parti mill-assi tal-*parte civile* u għalhekk meta l-flus inġibdu, kienu l-flus tal-*parte civile* li nġibdu. Dak li jirriżulta mill-provi huwa li fl-aħħar mill-aħħar l-appellanta ġibdet il-flus *cash* u minn hemm ma tressqu l-ebda provi ta' x'sar minn dawn il-flus. Kien ikun aħjar kieku l-appellanta ressqet xi forma ta' prova dwar dan pero' dan baqa' ma sarx.

B'hekk tenut kont tal-fatt li l-appellanta ġibdet il-flus li kienu jagħmlu parti mill-assi tal-*parte civile* mingħajr ebda raġuni valida fil-liġi u, sa fejn jirriżulta mill-atti, dawn gawdiet minnhom hija, konsegwentement il-ħames aggravju tagħha qed jiġi miċħud.

**Ikkunsidrat**

Illi fit-talbiet tagħha hekk kif kontenuti fir-Rikors tal-appell tagħha, l-appellanta titlob piena aktar xierqa għaċ-ċirkostanzi

f'każ li din il-Qorti ma tbiddilx s-sentenza mogħtija mill-Ewwel Qorti.

Illi l-Ewwel Qorti kkundannat lill-appellanta tmintax (18)-il xahar priġunerija li ġew sospiżi għal tlett (3) snin kif ukoll ikkundannatha tħallas is-somma ta' tmint elef Euro (€8,000) fi żmien sitt xhur mid-data tas-sentenza u dan apparti l-ħlas tal-ispejjeż li għandhom x'jaqsmu man-nomina tal-esperti fil-mori tal-inkjesta.

Illi din il-Qorti tagħmel riferenza għas-sentenza mogħtija fl-20 ta' Diċembru 2022 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Grace Gatt** (Numru 623/2018), fejn din il-Qorti diversament preseduta qalet hekk:

> "121. In kwantu għall-piena inflitta mill-Qorti tal-Maġistrati, huwa prinċipju ormai stabbilt li f'materja ta' appell minn piena, sabiex Qorti tal-Appell tibdel il-piena li tkun erogat l-ewwel Qorti, dan tagħmlu biss fl-eventwalita' li jirriżultalha li tali piena tkun żbaljata fil-prinċipju jew manifestament eċċessiva."

Illi meħud in konsiderazzjoni dak li għadu kemm ġie kkwotat u kif ukoll il-piena li temerġi mill-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta fir-rigward ta' dak li l-appellanta ġiet misjuba ħatja fis-sentenza tal-Ewwel Qorti nkluż il-fatt li l-piena nflitta minnha taqa' fil-parametri tal-liġi u anzi tqarreb lejn il-minimu, din il-Qorti ma tara l-ebda raġuni valida għala għandha tibdel il-piena erogata mill-Ewwel Qorti.

**Decide**

Għal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi tiċħad l-appell imressaq mill-appellanta Francine Cini u tikkonferma s-sentenza appellata fl-intier tagħha.

| | |
|---|---|
| **Onor. Dr. Neville Camilleri** | **Mary Jane Attard** |
| **Imħallef** | **Deputat Reġistratur** |